# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DEĊIŻJONI NRU 1591

Każ Nru 2227/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Anthony Camilleri

u

Bezzina Steel Fabrication Ltd

dwar tkeċċija mill-impieg allegata
li hi nġusta

Data: 16 ta' Marzu 2005

**Chairman: Franco Masini**

## 1. Introduzzjoni

Permezz ta' Rikors ippreżentat fid-19 ta' Ottubru 2004 l-Avukat Aron Mifsud Bonnici f'isem l-Appellant, is-sur Anthony Camilleri, allega li dan ġie liċenzjat mill-impieg li kellu mas-soċjetà Bezzina Steel Fabrication Ltd waqt li kien fuq *injury leave* bħala riżultat ta' korriment fuq il-post tax-xogħol li ġara fis-6 ta' Mejju 2004. Is-sur Charles Agius tal-GWU deher ukoll għall-Appellant. Waqt is-smiegħ tal-każ l-Avukatessa Marvic deBarro assoċjat ruħa mall-Avukat Mifsud Bonnici. Il-Kumpanija Appellata li kienet rappreżentata mis-sinjuri Anthony Bezzina u Oscar Delia, assistiti mill-Avukat Joseph Schembri, innegaw dan.

Inżammu erba' seduti. Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta irid jingħad illi minħabba nuqqasijiet infrastrutturali ma kienx possibbli li dan il-każ jinqata' fiż-żmien preskritt mill-istess Liġi.

## 2. Fatti tal-Każ

L-Appellant li kien jaħdem bħala *tradesman* mall-Kumpanija Appellata jgħid illi fis-6 ta' Mejju 2004 waqt li kien xogħol fil-garage tal-istess soċjetà kellu aċċident u korra. Minn dakinhar kien bl-*injury leave* u ma daħal qatt għax-xogħol għaliex fit-30

ta’ Settembru 2004 ġie liċenżjat. Dana skond l-Appellant kontra l-provvedimenti tal-Artikolu 36(15) tal-Kap 452 u bi ksur tal-Artikolu 20 tal-Ftehim Kollettiv.

Il-Kunpanijja Appellata tgħid illi minħabba nuqqas ta’ xogħol kellha tagħlaq. Dana wara li tkellmet ma’ l-*Union* li tirrappreżenta lill-ħaddiema u wara li tat dak kollu li kienet dovuta tagħti lill-istess ħaddiema. Is-soċjetà illiċenzjat lill-ħaddiema kollha, waqqfet l-attivitajiet tagħha u issa se tiġi likwidata. Tgħid illi meta sar dan il-liċenzjament u l-Appellant ġie mogħti dak li spettalu r-relazzjoni miegħu spiċċat *molto piu’* għaliex is-soċjetà kienet temmet l-attivitajiet tagħha.

## 3. Konsiderazzjonijiet

It-Tribunal kellu jikkonsidra żewġ talbiet tal-Appellant cioe’ li jiġi reingaġġat wara li jiskadilu l-perijodu ta’ *injury leave* peress illi kien ġie liċenzjat illegalment, u li jiġi rispettat dak li jitlob il-Ftehim Kollettiv fl-Artikolu 20.

It-Tribunal ma għandu l-ebda dubju li t-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellant kien konsegwenza ta’ *redundancy*. Għad li *redundancy* mhix definita fil-liġi tagħna hemm ġurisprudenza rikka biżżejjed biex tindika fejn hemm każi ċari ta’ *redundancy*. Il-każ in eżami huwa eżempju lampanti ta’ *redundancy* għaliex il-liċenzjar totali tal-*work force* tas-soċjetà u l-waqfien tal-attività tagħha ma jagħtu lok għall-ebda interpretazzjoni oħra.

Għal dak li huwa l-Ftehim Kollettiv dan it-Tribunal dejjem irritjena li dan jikkostitwixxi kuntratt bejn min iħaddem u l-ħaddiem innifsu. Huwa veru li l-Ftehim jiġi normalment iffirmat minn *Union* u min iħaddem u mhux individwalment mill-ħaddiem iżda d-dutrina ta’ *collective bargaining* tfisser illi l-ħaddiema ikunu taw l-fakoltà lill-*Union* li tirrappreżentahom biex tinnegozja u torbot f’isimhom ċerti kondizzjonijiet tax-xogħol. Dana jfisser illi matul it-terminu tal-Ftehim Kollettiv il-ħaddiema ikunu marbutin b’ċerti obbligi u jkunu jgawdu ċerti drittijiet li jemanu mill-istess Ftehim. Dana japplika ugwalment għal kontroparti li hija l-*employer*. Dak kollu li jirriżulta *ex contractu* ma jistax jiġi miċħud unilateralment. Fil-każ in eżami skatta l-obbligu tal-Kumpanija Appellata li tagħti l-*injury leave* lill-Appellant għal perijodu ta’ sena mill-mument li dana sofra l-korriment skond il-provvediment tal-Artikolu 20 tal-Ftehim Kollettiv u qabel ma waqfet l-operat tagħha. Il-fatt li l-Kumpanija Appellata illiċenzjat lill-ħaddiema kollha ma jeżonerajiex mid-dover li tonora l-obbligi tagħha skond dan il-Ftehim. Il-Kumpanija għad li ma għadiex tiffunzjona għadha fil-fatt teżiżti u għal ċerti raġunijiet li xehed dwarhom Oscar Delia għadu lanqas beda l-likwidazzjoni tagħha. Għaldaqstant dak li kien u għadu dovut lill-Appellant jifforma parti mill-attivitajiet tagħha qabel ma waqfet topera. Dan għandu għalhekk jidħol mad-diversi debiti u krediti li għandha l-Kumpanija qabel ma tiġi likwidata.

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi illi:

(a) l-Appellant Anthony Camilleri ġie liċenzjat minn mall-Kumpanija Appellata Bezzina Steel Fabrication Ltd għal raġuni ġusta u suffiċjenti,

(b) il-Kumpanija Appellata Bezzina Steel Fabrication Ltd konformament ma' l-Artikolu 20 tal-Ftehim Kollettiv għandha tikkompensa lill-Appellant Anthony Camilleri somma li hija ekwivalenti għall-paga relattiva li kellu għal perijodu bejn l-1 ta' Ottubru 2004 sa l-anniversarju tal-korriment tiegħu. Minn din is-somma trid titnaqqas dak li tħallas bħala *terminal benefit* eċċ meta ġie liċenzjat kif ukoll dak li tħallas u għandu jibqa jitħallas sa dak l-anniversarju mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Dan il-kumpens għandu jitħallas in kwantu għal dak li jirreferi mill-1 ta' Ottubru 2004 sal-31 ta' Marzu 2005 sa l-aħħar ta' Marzu 2005. Ir-rimanenti somma għandha titħallas mhux iktar tard mill-31 ta' Mejju 2005.

B'hekk jintemm dan il-każ.

**5. Drittijiet**

Għall-iskop tal-Avviż Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' £M40 kull wieħed.

Franco Masini
Chairman

Mary Rose Galea
A/Segretarja